Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 374/2015

Il-Pulizja

Spettur Spiridione Zammit

Vs

Marcon Hili

Illum 25 ta' Frar, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Marcon Hili detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 529494M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-23 ta' Marzu, 2015 bejn il-23:00hrs u 23:30hrs meta sakkret, gieghlet jew ippermettiet lil xi annimal jissakkar fil-fond Bija tal-Faqqani, Ent E., Flat 3, Trejqet il-Girasol, Santa Lucia, naqset milli tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega skond ic-cirkustanza sabiex ma thallix lil dawk l-annimali idjequ lil girien permezz ta' nbieh, tenwwieh jew xort' ohra u dan bi ksur tal-Art. 153 tal-Kap. 10.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Lulju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 153 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lil Marcon Hili hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkundannata ghal ammenda ta' hamsin ewro (€50).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appell ta' Marcon Hili, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-15 ta' Lulju, 2015, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tilliberha minn kull imputazzjoniu htija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi mill-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Onorabbli Qorti senjatament l-affidavit ta' PS353 Antoine Sacco u d-deposizzjoni tal-appellant, ma setghet qatt tinstab htija fl-appellanti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti hija piuttost perplessa dwar in-natura ta'l-uniku aggravvju imressaq 'il quddiem mill-appellanti billi fih ma jinsab imfisser l-ebda mottiv dwar il-lanjanza taghha ghajr ghal fatt illi mill-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti hija qatt ma setat issib htija fiha minghajr ma taghti spjegazzjoni fejn fil-fehma taghha kienet zbaljata id-decizjoni impunjata ghal dak li jririgwarda l-apprezzament tal-provi maghmul. Illi din il-Qorti certament ma hijiex ser toqghod tfittex hi il-motivazzjonijiet singolari li minnhom l-appellanti hassitha aggravata. L-aggravvji ghandhom jigu imfissra b'mod car u dettaljat u mhux mistenni illi din il-Qorti toqghod tixtarr hi minn jeddha f'liema parti ta'l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi hija kienet erronja u zbaljata fil-gudizzju milhuq minnha. Fuq kollox huwa principju ormai rassodat fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi Qorti fi grad ta' revizjoni "ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and*

*satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet preliminari, minn ezami akkurat maghmul tal-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha u wara li anke semghet lix-xhud ewlieni jixhed quddiemha, din il-Qorti tqies minghajr tlaqliq illi l-gudizzju ghaqli u studjat milhuq fid-decizjoni impunjata ma ghandux jigi iddisturbat. Huwa bil-wisq evidenti illi l-parti leza qieghed ibati kontinwament minn hsejjes gejjien mill-inbih tal-kelb li jinsab fir-residenza fejn tghix l-appellata. Gjaldarba huwa stabbilit illi f'din ir-residenza tabita l-appellanti, ghalkemm flimkien ma' ohtha u ommha, hija ghandha taht il-kontroll taghha dan il-kelb, li, minn dak li jixhed il-parti leza William Taylor jaghmel l-iktar storbju ta' inbih hekk kif tasal id-dar l-appellanti. Billi l-appellanti tghix f'blokk ta' appartamenti fejn sahansitra skont l-kundizzjonijiet lokatizji imposti minn sid il-blokk, huwa ipprojbit illi l-abitanti izommu annimali domestici, hija ghalhekk ghandha twiegeb ghal kull inkonvenjent li qed jinholoq minhabba in-nuqqas ta' prudenza u rispett li qed jigi muri lejn ir-residenti ta' dan il-blokk.

Huwa inutli ghall-appellanti li tipprova tiggranfa mad-difiza illi ma giex ippruvat illi hija sid il-kelb jew li ghandha responsabbilta ghalih, ghaliex id-disposizzjoni tal-ligi li tahtha inharrget l-akkuza u cioe' l-artikolu 153 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, ma timponiex dan ir-rekwizit sabiex tirizulta r-reita' u dan meta hemm dispost illi:

"**<u>Kull persuna</u>** li ssakkar jew iġġiegħel, jew tippermetti, li xi annimal jissakkar f'xi post, għandha tieħu dawk il-prekawzjonijiet meħtieġa skont iċ-ċirkostanzi sabiex ma tħallix lil dak l-annimal idejjaq lill-ġirien, permezz ta' inbiħ jew tnewwiħ jew xort'oħra."

Illi ma hemmx dubbju illi l-kelb jinzamm mizmum fl-appartament. Illi fil-jum indikat fl-akkuza, meta sar r-rapport mis-sur Taylor, l-appellanti kienet qed tghix

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

wahedha fl-appartament billi ommha u ohtha kienu imsefrin. Kien meta wasslet lura id-dar illi l-kelb beda jinbah u dan ghaliex l-appellanti ma haditx dawk il-prekawzzjonijiet mehtiega mill-ligi sabiex jigi evitat kull inkonvenjent lill-girien specjalment fil-hin tal-mistrieh. Din l-imgieba hija censurabbli u kwindi l-Ewwel Qorti gustament ghaddiet sabiex sabet htija fl-appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur